# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 19 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 178 /2025 JPG**
**Kawza nru.: 21**

**CP U SB**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 8 t' April 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), fil-Knisja Arcipretali ta' Santa Katerina, Vergni u Martri, z-Zurrieq, u liema żwieġ jinsab debitament rreġistrat bin-numru elf, mitejn, tmienja u sebghin tas-sena elfejn u tmintax (1278/2018), kopja annessa u mmarkata bhala 'Dok A';*
2. *Illi minn dan iz-zwieg ma kien hemm l-ebda tfal;*
3. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni rredatt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn hamsa u ghoxrin (2025) kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B';*
4. *Illi skont il-klawsola numru sebgha (7) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (Dok 'B') r-rikorrenti ddekadew mid-dritt li jitolbu l-*

*manteniment minghand xulxin u ghalhekk ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment versu xulxin;*

5. *Illi l-partijiet preżentement jghixu 'l boghod minn xulxin u ma jixtiequx jirrikonċiljaw ma' xulxin u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom;*
6. *Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u dan kif ikkonfermat fl-affidavits rispettivi taghhom, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok C' u 'Dok D';*
7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili , Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
8. *Ghal kull buon fini jiġi kjarifikat illi l-affidavit tar-rikorrenti SB (Dok 'D') jaqra bl-isem 'SP', u cioe' l-kunjom preċedenti tar-rikorrenti, stante l-fatt illi l-istess affidavit sar immedjatament wara l-publikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet meta l-karta tal-identita' taghha kienet ghadha ma ġietx aġġornata biex tiġi taqra kunjom xbubitha skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni;*

*Ghaldaqstant, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 24 t' April 2025 vide fol 12;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CP xehed** (vide affidavit fol 9) illi huma izzewgu nhar is-26 ta' Mejju tas-sena 2018. Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Xehed illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-20 ta' Jannar 2025 fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Portelli. Jirrizulta li l-partijiet ilhom de facto separati mill- 20 t'Ottubru 2024[1]. Di piu', ikkonferma li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**SP xehdet** (vide affidavit fol 10) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data***

[1] Vide premessa d) fil-kuntratt tas-separazzjoni personali.

***li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Mejju 2018 liema zwieg jgib certifikat numru 1278/2018 (Vide certifikat taz-zwieg, a fol 3). Jirrizulta li l-partijiet ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli nhar l-20 ta' Jannar 2025 (Vide Dok B fol 4 et seqq.) Il-partijiet ilhom jghixu de facto separati mill- 20 t' Ottubru 2024[2]. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1278/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[2] Vide premessa d) fil-kuntratt tas-separazzjoni personali.